**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XXVII**
**Appell Nru: 155/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Paul Bond)**

**Vs**

**VINCENT GALEA**

**Illum, 9 ta'Marzu, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Vincent Galea talli f'Hal-Qormi, fis-16 ta'Settembru, 1999, ghal habta ta' l-10.45 a.m., waqt li kien gewwa l-fond bl-isem 'Joseph Flats', fi Triq St. Edward, waddab likwidu li jwahhal, bhal Coca Cola, mal-faccata tal-flat numru 3, u b'hekk ikkaguna hsara volontarja li tammonta ghal Lm30 b'detriment ghas-sid ta' l-istess flat, cioe', Theresa Muscat minn Hal-Qormi.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 19 ta'Gunju, 2000, li biha sabet lill-Vincent Galea hati ta' dawn l-akkuzi, u, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur.

Rat ir-rikors t'appell ta'Vincent Galea datat 20 ta'Gunju, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull htija w piena.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda, rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi mill-provi li reghhet semghet mill-gdid din il-Qorti, liema provi ghandha ragjonevolment tahseb li huma l-istess provi li semghet l-ewwel Qorti, hi tara lil-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment issib htija fl-appellant in bazi ta' dawk l-istess provi.

Il-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni bla ebda mod ma jwasslu sa' dak il-konvinciment rikjest mil-ligi w li jorbtu lill-appellant mar-reati lilu addebitati. Kien biss suspett ta'teresa Muscat li kien l-appellant li wettaq dawn ir-reati,

izda il-provi li ngabu ma jwasslux biex juru minghajr dubju ragjonevoli li kien tassew l-appellant li ghamel dak li hu allegat li ghamel. Il-provi huma skarsi, filwaqt li dawk li tressqu ma jnisslux il-konvinciment morali.

Ghal din ir-raguni, il-Qorti qed tilqa' l-appell ta'Vincent Galea w tirrevoka s-sentenza appellata.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur